MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2006

Appell Kriminali Numru. 39/2006

**Il-Pulizija
(Spt. Ray Aquilina)**

**Vs**
Christopher Colombo

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gzejjer meta b'diversi atti maghmulin mill-hati wkoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi w li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ghax-xhur t'Ottubru, 2005, Novembru 2005 u Dicembru 2005, meta hekk kien ordnat mill-qorti, naqas li jaghti lil martu Maria Dolores Colombo s-somma ffissata bhala manteniment f'sentenza fl-ismijiet Maria Dolores Colombo vs. Christopher Colombo nru. Cit. 2272/97 RCP deciza fit-30/11/05.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-14 ta' Frar, 2006, li biha, wara li rat l-Artikoli 338(z) u 18 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellant hati ta’ kif akkuzat u kkundannatu ghal gimghatejn detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-24 ta’ Frar, 2006, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tvarja s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha f’dik il-parti taghha fejn sabet il-htija tal-imputazzjoni addebitata, tirriforma l-istess sentenza f’dik il-parti taghha fejn l-appellant gie kkundannat ghal gimghatejn detenzjoni.

Fliet l-atti kollha processwali.

**Rat illi l-aggravju tal-appellant li jirrigwarda l-piena hu li hu ammetta mill-ewwel illi ma hallasx il-manteniment ghax-xhur indikati fic-citazzjoni. Martu talbet is-somma ta’ Lm135 ghat-tlitt xhur, peress illi l-minuri Rodney qieghed jghix mal-appellant. Mall-appellant jghixu zewg minuri u peress li l-appellant ma ghandux salarju fiss, gieli ghadda minn sitwazzjonijiet finanzjarji hziena. Tenut kont ta’ dawn ic-cirkostanzi flimkien mall-gid suprem tal-minuri, il-piena inflitta, w cioe’ ta’ gimghatejn detenzjoni, ma kienetx indikata fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz.**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Rat il-verbal tad-9 ta’ Marzu, 2006 li bih Dr. Ludwig Caruana, wara li kkonsulta lill-appellant, talab differiment twil biex l-appellant ikun jista’ jigi in regola, talba li din il-Qorti laqghet kif taghmel is-soltu f’ kazijiet simili , fejn ikun hemm indikazzjoni li jkun jista’ jsir il-hlas dovut fil-mori tal-appell.**

**Rat il-verbal li minnu jirrizulta li l-appellant hallas lil martu seduta stante fit-8 ta’ Gunju, 2006, is-somma ta’ LM483.75c u li skond id-dokumenti minnu esebiti kien jirraprezenta l-bilanc minnu dovut lill-martu ghall-**

**periodu intier mit-22 t'Awwissu, 2005 sad-data tas-seduta .**

**Hadet it-taghrif ulterjuri fis-seduta tal-lum;**

**Rat li llum stess rega' sar pagament iehor b'cheque ta' LM90 lill-parte civile seduta stante ghax-xhur ta' Gunju u Lulju 2006.**

**Semghet it-trattazzjoni;**

**Rat in-Nota tal-parte civile tal-15 ta' Gunju, 2006, li minnha jidher li mart l-appellant qed tippretendi li ghad fadalla tiehu arretrati ta' manteniment ta' LM2546.25c ghall-periodu mill-15 ta' Settembru, 2003 sat-12 ta' Gunju, 2006.**

**Rat in-Nota tal-appellant tat-3 ta' Lulju, 2006, li biha fil-waqt li qal li hemm arretrati ta' manteniment ta' LM1184, fl-istess hin qal li l-parte civile thallset l-arretrati dovuti skond l-akkuzi.**

**Ikkonsidrat;**

**Illi dan hu appell li jirrigwarda l-piena. Il-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara. "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Vella" **[14.6.1999] ,** "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina" **[24.4.2003] u ohrajn.) F'dan il-kaz il-piena decizament hija entro l-parametri tal-ligi.**

**Illi kif gie ritenut fl-Appell Kriminali** "Il-Pulizija vs. Publius Said" **[9.7.2003] u sentenzi ohrajn sussegwenti, din il-Qorti hija tal-fehma li l-ghan ewlieni tal-legislatur meta introduca din il-kontravvenzjoni xi ftit tas-snin ilu kien li jgib pressjoni fuq persuni li jkunu riluttanti li jhallsu manteniment lid-dipendenti taghhom u mhux li jippunixxi biss**

**ghall-ksur tal-ordnijiet tal-Qrati, li kif, intqal, ghandhom dejjem jigu obduti w osservati skrupolozament. Ghalhekk din il-Qorti tirritjeni li meta fil-mori tal-appell ikun sar il-hlas tal-manteniment arretrat jista' jkun hemm lok ghal temperament fil-piena.**

**Fil-kaz in ezami, ghalkemm l-appellant wettaq in parti r-rakkomandazzjoni taghha li jhallas lil martu l-arretrati kollha dovuti (li ghall-inqas skondu jammontaw ghall-LM1184) huwa hallas biss ammont ta' Lm483.75c. kif ukoll illum ammont iehor ta' LM90.**

**Illi *civiliter* meta jkun hemm diversi pagamenti konsekuttivi li jkunu dovuti, kull pagament li jsir ghandu jigi imputat ghall-eqdem pagament. Pero' , meta fost id-djun ikun hemm dejn illi ghalih id-debitur hu soggett ghall-arrest tal-persuna, l-hlas ghandu jitqies li sar fuq dak id-dejn. Ghalhekk l-appellant ghandu dritt jiddikjara li l-hlas li ghamel fil-mori tal-appell irid u ghandu jigi imputat ghall-arretrati dovuti fuq il-periodu imsemmi fic-citazzjoni. (art. 1168 (1) u 1171 (b) (f) tal-Kap.16), salv kull dritt tal-parte civile *si et quatenus* ghall-hlasijiet ta' arretrati ta' manteniment precedenti .**

Ghalhekk minnhabba l-hlas li l-appellant ghamel seduta stante fil-mori ta' dan l-appell, din il-Qorti tara li hemm lok ghal temperament fil-piena.

**Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell u tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu sabet lill-appellant hati tal-kontravvenzjoni dedotta kontra tieghu w billi tirrevokaha in kwantu kkundannatu ghall-gimghatejn detenzjoni w minnflok tikkkundannah ghall-hamsa w ghoxrin lira Maltin (LM25) ammenda, li jekk ma tithallasx minnufieh tigi konvertita awtomatikament f' hamest ijiem detenzjoni skond l-artikolu 13(2) tal-Kodici Kriminali.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------